# Intervista Ma’ Maria Xuereb

**1) Minn fejn ġejt?**
Jiena ġejt mix-Xagħra, Għawdex.

**2) Għidli dwar ir-raħal minn fejn ġejt.**
Ir-raħal tagħna huwa kbir. Aħna konna noqogħdu lejn il-baħar u għall-pjazza għandna fuq nofs siegħa mixi. Fil-pjazza tinstab l-iskola, il-knisja, l-għassa tal-puliżija. Kull ma rridu kien fil-pjazza, anke l-ħwienet.

**3) Id-dar tagħkom kif kienet?**
Id-dar tagħna kienet imqassma fi tlett ikmamar. Kellna kamra kbira fejn kienu jorqdu ommi u missieri. Kien hemm kamra terġa ikbar minnha. Konna norqdu fiha ħdax tfal, sitta subien u ħamsa bniet. Niftakar ommi kellha sodod kbar u kienet traqqadna tlieta tlieta kull sodda, u tagħmlilna purtiera bejnietna. Kien ikollna mejda fin-nofs, tagħmlilna xama inkella lampa mixgħula għax lanqas dawl ma kellna. Kellna kamra ta’ l-ikel. Il-mejda tagħna niftakarha, kienet bħal ta’ l-appostli; kbira. Kienet kannapè ta’ missieri, irranġah għal mejda biex noqogħdu kollha fuq mejda waħda.
Konna tlettax b’ommi u missieri. Kellna naqra ta’ kċina żgħira taħt it-taraġ. U t-taraġ kien jagħti għal fuq il-bejt. Jiġifieri ma kellniex fuq, kollox isfel.
Imma għaddejna ħajja sewwa. Kollha f’daqqa, nilagħbu, norqdu u kienet ħajja sabieħa ħafna għalina.

**4) Għidli dwar kif kontu tgħaddu l-ġranet bħala familja f’Malta.**
Jiena niftakar malli nqumu, konna mmorru l-knisja l-ewwel ħaġa. Fit-tlieta ta’ filgħodu ommi jew missieri kienu jgħajtulna biex immorru l-knisja. Imbagħad ninżlu d-dar u mmorru nġibu l-ilma, nimlew l-ilma għall-ħasil. Aħna konna ħafna tfal, u nimlewlha ħafna bramel. Għall-ilma kellna dejjem għaxar minuti ’il bogħod. Kien hemm vit fit-triq u kellna mmorru hemm għall-ilma u nagħmlu żgur li ommi kellha biżżejjed ilma għall-ħasla kuljum. Imbagħad xi darba kienet tkun ix-xita; allura hemmhekk kien ikollna l-miżieb tal-bjut, u konna nagħmlu l-banjijiet u niffrankaw naqra mixi. Kien ikun tajjeb l-ilma għall-ħasil. U xi darba konna mmorru naħslu ġol-mina, imma rridu nimxu iżjed jerġa’; xi ħmistax-il minuta.

Konna nieħdu l-ħwejjeġ lil ommi fil-għodu, inlestulha l-ħwejjeġ fejn l-ilma, u ommi tibda taħsel. Ngħinuha, neħdulha l-ħwejjeġ id-dar, nitilquhom fuq il-bejt biex hi imbagħad tibda tonxor.
Dan kollu qabel ma mmorru l-iskola!
Nagħmlu l-ħobż wara, nagħlfu t-tiġieġ jew fniek, min imur jagħlef xi nagħġa: min imur jaħleb xi nagħġa. Kollha konna nagħmlu xi ħaġa. Imbagħad immorru l-iskola. F’dak iż-żmien li jien kont immur l-iskola, ma konniex noqogħdu l-iskola biex nieklu f’nofs inhar; konna mmorrru d-dar. Allura, aħna konna nimxu nofs siegħa d-dar, nofs siegħa għall-iskola jerġa’. Għalhekk kienet tkun mixja sewwa. Aħna ma konniex narawh’il bogħod, għax konna mdorrijin fih. Imma f’dawk iż-żminijiet ma kellniex xarabank għall-iskejjel, allura kollox bis-saqajn.

Xi kultant niltaqgħu ma’ xi wieħed b’ xi żiemel jew xi ħmar u aħna nirkbulu minn wara fil-karettun. Xi darba konna nsibu xi wieħed li jkun selvaġġ, u jdur u jagħtina daqqa ta’ frosta. Imma xi darba jkun hemm xi wieħed li jħenn għalina u jgħidilna

"irkbu". Jew xi ħadd ikollu xi karettun bit-tiben u jieqaf biex irikkibna naqra. Konna nieħdu pjaċir ukoll.

Tliet darbiet fil-ġimgħa konna mmorru nagħġnu l-għaġħna tal-ħobż, għax in-nanna tiegħi kienet furnara u dik kienet toqgħod fejn il-pjazza. Niftakar kelli ħdax-il sena, meta kont immur ngħin lin-nanna fl-għaġna tal-ħobż.

**5) Missierek fiex kien jaħdem?**
Missieri kien jaħdem mal-gvern. Missieri kien jaħdem mat-toroq. Kien isewwi t-toroq, u xi darba xi skejjel (it-toroq) fl-irħula kollha, mhux fix-Xagħra biss.
Kien jibda fis-sebgħa u jispiċċa fil-ħamsa. Imbagħad missieri kien jgħaddi naqra l-għalqa xħin jiġi. Kien jaqla' u jiżrà l-patata. Is-Sibt u l-Ħadd kien jgħaddi ż-żmien jilgħab fl-għalqa.
Dejjem sibna x'nieklu mill-għalqa. Qatt ma xtrajna xejn, għax kien jagħmel kollox fl-għalqa li kellna, speċjalment fejn kellna għalqa bl-ilma tal-mina.
Anzi xi drabi konna nbiegħu, u dak li jbigħ kien jara sold f'idejh. Missieri kien dejjem sejjer u aħna konna ngħinuh.

**6) X'kienet tagħmel ommok?**
Kienet tagħmel kollox. L-ewwelnett kellha ħdax-il tfal x'tieħu ħsieb. It-tieni, kellha tlaħħaq ma' kollox: mal-ħasil, ma' l-ikel, mal-ħjata. Xi drabi tagħżel is- suf; tagħżel is-suf tan-nagħġ u tagħmlu suf, imbagħad tinsġu. Kienet taħseb għall-familja.
Kienet taħdem ftit ġol-għalqa, qrib id-dar; taqtà l-ħaxix għall-ikel.
Kienet toqtol l-annimali biex nikluhom: fniek tiġieġ eċċ.

**7) X'kont tiekol?**
Kont niekol kollox li ssajjar ommi. Kienet tagħmlilna borma kbira, għax konna tlettax. Imma dejjem sajritilna minestra, ravjul, torti, qagħaq tal-għasel, ftajjar tal-ġobon jew tal-ħut, stuffat, brodu, ħamiem, il-kaċċa tal-missier - fniek jew ħamiem- ikel tajjeb u frisk.

**8) Int mort skola?**
Iva mort skola.

**9) Kemm-il sena mort skola?**
Niftakar ommi bagħtitni sena mas-sorijiet, imbagħad minn *stage one* sa *stage six*. Mela sitt snin.
Xtaqt li mort iżjed imma ommi ma kellhiex flus biex tibgħatni għall-privat. Kont tlabtha biex inkompli, imma ommi qaltli, "le", mill-ewwel. Allura imbagħad waqaft.

**10) Liema xogħol għamilt qabel ma ġejt l-Awstralja?**
Erba' xhur wara ltqajt ma' waħda li qaltli, "Inti trid tieħu l-post tiegħi fuq ix-xogħol?" Qaltli, "Jiena se mmur l-Awstralja." Għidtilha, "Ommi ma tħallinix naħdem, għax għadni żgħira". Kelli erbatax-il sena; kont għadni kemm spiċċajt l-iskola. Imma qaltli biex nistaqsi 'l ommi.
Imbagħad, billi din il-mara kienet ġejja l-Awstralja, kellmet lis-sinjura li kienet taħdem magħha biex tgħidilha li hemm waħda li riedet taħdem magħha, imma kellha tistaqsi 'l ommha. Is-sinjura ġiet tkellem 'l ommi u hekk bdejt naħdem magħha.

Din is-sinjura kienet qisha ommi. Kienet tieħu ħsiebi qisni t-tifla tagħha xorta waħda. U kont nagħmel affarijiet bħal nieħu ħsieb it-tfal, nirranġa s-sodod, nlestilhom l-ikel ta' fil-għodu,naħsel l-art u affarijiet hekk. Għamilt erba' snin.

**11) Għalfejn waqaft minn dak ix-xogħol?**
Għax imbagħad jiena ridt niġi l-Awstralja.

**12) Inti għadek tiftakar xi ħrafa, storja, kanzunetta, poeżija jew xi ikla jew riċetta li kont tħobb meta kont żgħira?**
Għandi poeżija. Kont għadni żgħira u għada togħġobni sa llum. Jisimha iċ-ċirasa.

*Kollu ħelu l-frott u sbejjaħ*
*Kemm iċ-ċkejken, kemm il-kbir.*
*Jekk fuq siġra, jekk fuq mejda*
*Kemm hu sbejjaħ meta jsir.*

*'Mma ċ-ċirasa mill-frott kollu*
*Nieħdu gost naraw flimkien*
*Bħal fanal, musbieħ, mixegħla*
*Qrib il-ħdura ġewwa l-ġnien.*

*Donnhom bżieżaq ċkejkna ħomor*
*Kollha jleqqu imdawlin*
*Jew imsielet f'widnejn l-anġli*
*Nhar il-festa milbusin.*

*Dun Karm*

Niftakar li kont fit-tieni sena ta' l-iskola meta tgħallimtha. Din li ġejja hi oħra:

*Għandi pupa wisq sabieħa*
*Aħmar wiċċha bħal pepprin*
*Par għajnejn mil-lewn is-sema*
*Bħalhom żgur ma ssibx ħelwin.*

**13) L-għala tlaqt minn Malta?**
Jiena tlaqt minn Malta għax kelli ħajra li niġi l-Awstralja. L-ewwel ħaġa, niftakar meta kelli erba' snin, konna ġejjin bil-familja. Imma xi gimgħa qabel konna se nitilqu, missieri kienu tawh risposta li ma jistax jiġi l-Awstralja. Għandi amment, konna nagħmlu l-eżami. U mbagħad dejjem kelli l-ħajra li niġi l-Awstralja. Missieri reġa' kellu 'l missieru hawn l-Awstralja. Imbagħad ġew ħuti. Hekk kelli diġà erba' ħuti l-Awstralja. Għalhekk meta għalaqt tmintax-il sena għedt lil ommi li se nibda naħseb biex niġi l-Awstralja.

**14) Kemm kellek żmien meta tlaqt minn Malta?**
Kelli fuq tmintaxil sena. Jiena wasalt hawn fi Frar u għalaqt dsatax f'April.

**15) L-għala ġejt l-Awstralja, u mhux emigrajt f'pajjiz ieħor?**
Jiena, l-Awstralja kienet dejjem togħġobni. Dejjem kont inħobb l-Awstralja. Ma ridtx immur il-Kanada jew l-Ingilterra għax ħsibt li kien hemm ħafna ksieħ.

**16) Biex ġejt lil hawn?**
Jiena ġejt bl-ajruplan Alitalja. Niftakar li tlaqt fit-23 ta' Frar fl-1966 u wasalna hawn fis-26 ta' Frar.

**17) Kif kien il-vjaġġ?**
Jiena qatt ma kont irkibt ajruplan qabel. Kont dejjem ngħid kemm se ndum hawnhekk bil-qiegħda, u kont niddejjaq. Imma l-vjaġġ kien sabiħ. Dħalna f'Singapore.

**18) Meta ġejt l-Awstralja, fejn kien l-ewwel post li kont toqgħod? X'kienet l-esperjenza tiegħek?**
L-ewwel post li kont noqgħod kien fih kien xedd fuq ħames acres f'Beresford Road, Pendle Hill, ma' ħuti.

**19) X'kien l-ewwel ħsieb dwar l-Awstralja?**
L-ewwel ħsiebijiet dwar l-Awstralja, meta kien nieżel l-ajruplan, ħarist 'l isfel, u rajt kollox aħmar. U dawk kienu s-soqfa tad-djar t'hawn. Imma jien ħsibthom għarejjex. U għedt f'moħħi, "Kemm hemm għarejjex ġo l-Awstralja!" u x'ħin inżilt ġo l-ajruport kbir ta' Sydney, għedt "imma kien impossibbli li l-għarejjex kienu kbar daqshekk!" Imma l-ħsibijiet tiegħi dwar l-atmosfera ta' l-Awstralja kienu li l-lingwa kienet differenti u l-ħajja kienet differenti. Kont nibża' għall-ewwel.

**20) Dawk il-ħsibijiet inbidlu kemm ilek hawn?**
Iva, tbiddlu ħafna. Bdejt nagħmel il-kuraġġ, u drajt il-ħajja t'hawnhekk.

**21) X'kienet l-esperjenza tiegħek meta tgħallimt il-lingwa Ingliża?**
Jien qbadtha l-lingwa Ingliża malajr għax konna tgħallimna ftit Ingliż fl-iskola. Imma meta tgħallimna xi kelma bl-Ingliż, l-għalliema qatt ma kienet tfissirhielna. Imbagħad meta ġejt hawn, smajt dawk il-kelmiet 'l hawn u 'l hemm u drajt naqlibhom waħdi. Tgħallimt l-Ingliż malajr.
Il-*boss* tiegħi kien jgħidli biex ngħin nies minn pajjiżi oħrajn jitgħallmu l-lingwa Ingliża.

**22) Mort xi darba lura lejn Malta?**
Iva. Mort tliet darbiet. Inżilt mal-familja wara għaxar snin hawnhekk. Kelli tifel ta' erba' snin. Imbagħad erġajna nżilna wara għaxar snin oħra u kelli t-tifla wkoll, ta' seba' xhur. Inżilna għall-Milied. L-aħħar darba nżilna xi ħames snin ilu. Mort mar-raġel u t-tifla.

**23) Rajt xi tibdil f'Malta? B'liema mod inbidlet?**
Iva, hemm ħafna tibdil f'Malta. It-triqat huma differenti, hemm ħafna regoli ġodda. Hemm ħafna bini ġdid.
In-nies inbidlu wkoll. Hemm ħafna nies li mhumiex Maltin, bħal Ġermaniżi. Issa, il-vapuri bejn Malta u Għawdex jiġu miċ-ċirkewwa, u jiġu kull nofs siegħa. Qabel kienu jaħdmu tliet darbiet fil-jum biss. Issa kulħadd bil-karrozzi tiegħu.
Hemm ħafna attivitajiet għat-turisti bħax-*Xlendi Pleasure Cruise*, jew tista' tmur Sqallija ma' grupp.

**24) Liema huma l-affarijiet fl-Awstralja l-istess bħal f'Malta?**
Hemm ħafna affarijiet l-istess f' Malta bħalma hawn fl- Awstralja. Dan għax il-ħajja hi l-istess u Malta nbidlet. Hemm trasport aħjar minn qabel, telefon, toroq ġodda, elettriku, u kollox li għandna hawnhekk.

**25) X'hemm differenti bejn Malta u Awstralja?**
In-nies ta' hemmhekk jorqdu f'nofs inhar, u għalhekk il-ħajja ta' hemmhekk hi differenti mill-Awstralja.

**26) X'timmissja l-iżjed minn Malta?**
Malta hija art twelidna. Immissjajt lill-ġenituri, il-ġenituri tar-raġel, ħutna u ħbiebna. U anke mmur il-knisja Maltija. Dak il-pajjiż tiegħi, u dejjem inħobbha 'l Malta.

**Grazzi ħafna**